**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Sammut)**

**Vs**

**Jonathan Farrugia**

**Kawza Nru: 4319/24**

**Illum, 07 ta' Marzu 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Jonathan Farrugia**, bin Raymond Alfred u Mary Grace Fava, mwieled Pieta', fi 17/05/1988, ta' Blk C, Flat 16, Triq l-Arzella, B'Bugia, ID No: 239888(M).

**Akkuza**t talli nhar is-16/06/2023 ghall-habta ta' bejn 20:08hrs u 20:10hrs, gewwa Triq Alessandru, B'Bugia:

1) Talli, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek, jew b'nuqqas ta' tħaris ta'

regolamenti, ikkagunajt feriti ta' natura hafifa fuq John Aguis. **Art 226(1)(c) Kap 9**

2) Bhala sid jew detentur ta' kelb li kien ta' perikolu ghan- nies, inqast li zzomm dak il-kelb taht kontroll. **Art 14(1)(4) Kap 312**

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' John Agius skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz.
Semghet ix-xhieda.
Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.
Rat li fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2024 il-prosekuzzjoni iddikjarat li ser tistrieh fuq il-provi in atti.
Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza.[2]
Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan huwa kaz li jirrigwarda incident li sehh nhar is-16 ta' Gunju 2023 fejn allegatament il-kelb tal-imputat attakka u gidem lil John Agius meta dan kien qieghed miexi fi Triq Alessandru, Birzebbugia.

L-imputat imsejjah mill-pulizija ezercita d-dritt li ma jwegibx ghad-domandi taghhom[3].

[1]Folio 1 tal-process.

[2] Folio 26 tal-process.

[3] Folio 11 tal-process.

**Provi**

Xehed **PC 220 C. Spiteri** permezz ta' affidavit li qal li fis-16 ta' Gunju 2023 sar rapport minn John Agius u Nathalie Fey fejn qalu li kelb gidem lil John u dan sehh fi Triq Alessandru, B' Bugia. Qalu li l-kelb kien b'cinga twila u dan il-pitbull hareg mill-fond 7, Triq Alessandru, B'Bugia. Agius ipprezenta certifikat mediku. Ix-xhud jghid li hu ghamel kuntatt ma' sid il-kelb, ossija l-imputat Jonathan Farrugia u wara li tah id-drittijiet legali huwa ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu.[4]

Xehed **Dr. Joseph Azzopardi** nhar is-16 ta' Dicembru 2024 fejn ikkonferma Dok DC 3 in atti.[5]

Xehed bil-Malti **John Agius** ukoll nhar is-16 ta' Dicembru 2024 fejn ikkonferma l-incident pero' ma kienx jaf la d-data meta sehh l-incident u l-anqas il-post fejn sehh l-incident. Huwa pero indika li l-kaz sehh f'Gunju ta' xi sena u nofs minn meta kien qed jixhed, u ghalhekk jigi Gunju 2022. Bhala post hua ma kienx jaf isem it-triq pero indika li kien Birzebbugia kantuniera boghod mill-bajja ta' Pretty Bay. Jghid li mar ghand it-tobba u wehel xebgha pirmli.[6] Jghid li kien mixi fuq il-bankina u kien ma' martu. Jghid li l-kelb li gidmu kien qisu pitbull u kien marbut b'katina li kienet gewwa garage. Jghid li hu ma dahalx fil-garaxx. Jghid li fil-garage kien hemm tnejn min ghalih. Jghid li xi hadd hareg ghal kelb, gibed il-kelb pero' dan meta il-kelb kien diga

[4] Folio 2 tal-process.

[5] Folio 18 tal-process.

[6] Folio 23 tal-process.

hataflu idejh.[7] Jghid li l-katina tal-kelb kienet twassal sa fuq il-bankina. Hu ma jiftakarx minn kellmu.

**Ikkunsidrat:**

**L-Att Dwar il-Klieb, Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta,** fl-Artikolu 14(1) jiprovdi:

14.(1) Meta xi sid jew detentur ta' kelb li jkun ta' perikolu għan-nies, jonqos li jżomm il-kelb taħt kontroll, dan ikun ħati ta'reat u jeħel, meta jinsab ħati, ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) u l-qorti għandha tordna lill-Pulizija li tiddistruġġi l-kelb għas-spejjeż ta' sidu jew tad-detentur tiegħu minkejja li l-kelb jista' jkollu sid jew detentur ġdid.[8]

(2) Ma jkunx meħtieġ għall-prosekuzzjoni biex tipprova li s-sid jew id-detentur kien jaf li l-kelb kien perikoluż biex il-qorti tordna li jiġi distrutt il-kelb kif provdut fis-subartikolu (1).

(3) Jekk il-persuna akkużata kif provdut fis-subartikolu (1) tkun għal xi raġuni meħlusa mill-akkuża, il-qorti għandha, xorta waħda, jekk tkun sodisfatta li l-kelb hu perikoluż, tordna li dan jiġi distrutt.

(4) Kelb li jkun gidem jew ħabat għal xi persuna jitqies li hu perikoluż, kemm-il darba ma jiġix pruvat kuntrarju

[7] Folio 23 tal-process.

[8] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

**L-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi s-segwenti:

Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti..... meta jinsab ħati –

**L-Artikolu 226 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** mbaghad jipprovdi s-segwenti:

(1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel:

(c) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.

**L-Artikolu 226 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:**

(2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1) (ċ), il-proċediment jista' jittieħed biss fuq kwerela tal-parti offiża

**Ikkunsidrat:**

Illi ma hemmx dubju illi r-rekwizit tal-kwerela rikjesta mill-parti offiza taht l-Artikolu 226(2) gie sodisfatt hekk kif il-vittma John Agius mar jaghmel ir-rapport tieghu l-Ghassa.

Gie stabbilit ukoll u pruvat illi l-vittma soffra griehi.

**Ikkunsidrat:**

Id-difiza pero ggib l-argument illi l-prosekuzzjoni naqset milli tistabilixxi ness bejn il-kelb u l-imputat.

Dan in-ness huwa indispensabbli sabiex il-Qorti ssib htija fl-imputat. Jekk ma jigix pruvat tali ness, allura ma tistax tinstab htija bil-konsegwenza li l-Qorti jkollha tillibera lill-imputat minkejja li fil-kaz persun sfat vittma u minkejja l-griehi li garrab l-istess vittma.

Il-Qorti mill-ewwel ikollha tghid li d-difiza ghandha ragun. Irid ikun dan in-ness li l-ewwel u qabel kollox ghandu jigi stabilit biex imbaghad isiru konsiderazzjonijiet ohra ta' natura legali. F'dan il-kaz dan in-ness ma jirrizultax la fi stadju investigattiv u lanqas fil-mori ta' din il-kawza. Il-kuntistabbli PC 220 Spiteri bl-ebda mod ma' jghid kif wasal ghall-konkluzjoni li l-imputat huwa is-sid jew detentur tal-kelb. Mill-avviz ta' dehra lanqas biss jidher li l-imputat joqghod fi Triq Alessandru, Birzebbugia jew li ghandu xi konnessjoni mal-fond li minnu hareg il-kelb.

Lanqas il-kwerelant fix-xhieda tieghu ma wassal sabiex b' xi mod jigi stabbilit dak in-ness. John Agius lanqas ikkonferma ghall-anqas li kien l-imputat li gibed il-kelb 'il gewwa fil-garaxx wara li l-kelb kien gidmu!

In oltre, nuqqas kbir tal-prosekuzzjoni kien li lanqas tressaq rapprezentant mid-Dipartiment Veterinarju sabiex tingab prova dwar jekk l-imputat ghandux xi kelb registrat fuq ismu, u jekk ghandu x'razza hu biex jigi stabbilit jekk dak il-kelb tar-razza pitbull, kif deskritt mill-vitmma, hux registrat f'isem l-imputat.

Sfortunatament ghall-vittma l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova sabiex b'xi mod tipprova li l-imputat huwa responsabbli ghall-kelb li gidmu.

Minhabba li dan in-ness huwa kompletament nieqes allura din il-Qorti bil-fors ghandha tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 225 u 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 14(1)(4) tal-Kapitolu 312 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **JONATHAN FARRUGIA MHUX HATI** tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena fir-rigward tal-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Agenzija tal-Qrati minnufih.

Moghtija llum 07 ta' Marzu 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur